IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.11.2013
COM(2013) 798 final

2013/0390 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar il-baħħara li temenda d-Direttivi 2008/94/KE, 2009/38/KE, 2002/14/KE, 98/59/KE u 2001/23/KE

(b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2013) 461 final}
{SWD(2013) 462 final}

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Id-direttivi tal-UE dwar il-liġi tax-xogħol b’mod ġenerali japplikaw għas-setturi kollha ta’ attività u għall-kategoriji kollha tal-ħaddiema. Madankollu, il-baħħara huma esklużi jew jistgħu jkunu esklużi mill-kamp ta’ applikazzjoni ta' sitt direttivi, mingħajr ma tingħata ebda ġustifikazzjoni. Id-direttivi kkonċernati huma dawn:

- Id-Direttiva 2008/94/KE[1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta’ min iħaddimhom (minn hawn ’il quddiem imsemmija “id-Direttiva dwar l-Insolvenza ta’ Min Iħaddem”);
- Id-Direttiva 2009/38/KE[2] dwar l-istabbiliment ta’ Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew (minn hawn ’il quddiem imsejħa “id-Direttiva dwar il-Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew”);
- Id-Direttiva 2002/14/KE[3] li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati (minn hawn ’il quddiem imsejħa“id-Direttiva dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni”);
- Id-Direttiva 98/59/KE[4] dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi (minn hawn’il quddiem “id-Direttiva dwar is-Sensji Kollettivi”);
- Id-Direttiva 2001/23/KE[5] dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta’ trasferiment ta’ impriżi (minn hawn ’il quddiem “id-Direttiva dwar it-Trasferiment tal-Impriżi”);
- Id-Direttiva 96/71/KE[6] dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (minn hawn ’il quddiem “id-Direttiva dwar it-Trasferimenti tal-Ħaddiema”).

Skont is-sitwazzjoni fil-livell nazzjonali, l-esklużjonijiet jista’ jkollhom impatt negattiv fuq għadd ta’ drittijiet rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-

---

1 Id-Direttiva 2008/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Ottubru 2008 dwar il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta’ min iħaddimhom (Verżjoni kodifikata), ĠU L 283, 28.10.2008, p.36.

2 Id-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta’ Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta’ informazzjoni u ta’ konsultazzjoni tal-impjegati (tfassil mill-ġdid) ĠU L 122, 16.5.2009, p. 28. Din id-Direttiva tirrevoka u tieħu post id-Direttiva 94/45/KE (ĠU L 254, 30.9.1994, p. 64), kif emendat bid-Direttiva 97/74/KE (ĠU L 10, 16.1.1998, p. 22) u d-Direttiva 2006/109/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 416).

3 Id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea, ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29.

4 Id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta’ Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi – ĠU L 225, 12.8.1998, p. 16.

5 Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta’ trasferiment ta’ impriżi, negozji jew partijiet ta’ impriżi jew negozji, ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16.

6 Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi, ĠU L 18, 21/01/1997, p. 1.

Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni fl-impriża (l-Artikolu 27), u d-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti (l-Artikolu 31).

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ftit li xejn użawhom l-esklużjonijiet, jew sempliċement ma użawhomx. Tmien Stati Membri[7] ma eskludew lill-baħħara mill-ebda waħda mid-Direttivi filwaqt li tmien Stati Membri użaw esklużjoni waħda biss. Potenzjalment, din is-sitwazzjoni tagħti lok għal sitwazzjoni fejn l-istess kategoriji ta' ħaddiema jiġu ttrattati b'modi differenti fl-Istati Membri differenti.

Barra minn hekk, kif diġà enfasizzat mill-Kummissjoni, in-numru ta' baħħara mill-UE qed jonqos b'mod konsistenti u dan kapaċi joħloq problema fil-futur, primarjament minħabba li l-esperjenza fuq il-baħar hija essenzjali għal ċerti impjiegi fuq l-art. Għalkemm dan jista' jkun il-konsegwenza ta' fatturi differenti, in-nuqqas ta' interess fil-karrieri marittimi jista' jkompli jikber sforz l-impressjoni li l-baħħara ma humiex imħarsa sew daqs impjegati oħra[8].

Għalhekk, is-sitwazzjoni preżenti ma tassigurax livell ekwu fis-suq Ewropew minħabba li ċerti kumpaniji huma eżentati minn ċerti obbligi, primarjament fejn jidħlu l-informazzjoni u l-konsultazzjoni, li huma obbligatorji għal kumpaniji kompetituri bbażati fi Stati Membri oħra.

B'konsegwenza, l-għan tal-proposta huwa li jittejjeb il-livell ta' ħarsien tad-drittijiet protetti skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE fil-liġi tax-xogħol tal-UE u biex jiġi assigurat livell ekwu fil-livell tal-UE. Barra minn hekk, il-proposta tikkontribwixxi għal objettivi ġenerali politiċi mnaqqxa fl-Artikolu 151 tat-TFUE, jiġifieri l-promozzjoni tal-impjiegi, kundizzjonijiet imtejba ta' għajxien u ta' xogħol, il-ħarsien soċjali kif suppost u d-djalogu bejn min imexxi u l-impjegati.

## 1.1. Konsistenza ma' politiki u objettivi orizzontali oħra tal-UE

Din l-inizjattiva għandha l-għan li tivvaluta l-ambitu u r-raġunijiet għall-esklużjoni tal-baħħara minn direttivi dwar il-liġi tax-xogħol, jew li tivvaluta l-fakultà li dawn jiġu esklużi. Il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura l-kompatibilità ta' kull proposta leġiżlattiva ġdida mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u li tivvaluta l-impatt ta' dawn il-proposti fuq id-drittijiet u l-prinċipji mħarsa mill-Karta. Fil-każ inkwistjoni, it-tneħħija tal-esklużjonijiet għandu jkollu impatt pożittiv fuq id-drittijiet imħarsa mill-Artikoli 27 u 31 tal-Karta.

Dan hu wkoll kompletament skont il-Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea mwaqqfa fl-2007, permezz tal-hekk imsejjaħ "Blue Book"[9]. Fil-"Blue Book", il-Kummissjoni insistiet fuq l-għan tagħha "li jiżdied l-għadd u l-kwalità tal-*impjiegi marittimi* għaċ-ċittadini Ewropej", u b'mod partikolari enfasizzat li:

> *"Titjib fil-politiki tal-għażla tal-persunal u fil-kundizzjonijiet tax-xogħol (inkluż tas-saħħa u tas-sikurezza), bl-għajnuna ta' sforz kollettiv mill-partijiet interessati kollha, flimkien ma' qafas regolatorju effiċjenti li jqis il-kuntest*

[7] AT, BG, CZ, ES, FR, PL, SE, SI.

[8] Ara, fost oħrajn, il-Komunikazzjoni "Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea" (COM/2007/575 finali tal-10 ta' Ottubru 2007)) u r-Rapport tat-Task Force dwar l-Impjiegi Marittimi.

[9] Id-dokument COM(2007)575 finali tal-10 ta' Ottubru 2007.

*globali tiegħu, huma kollha neċessarji biex iħajru lill-Ewropej jaħdmu f'dan is-settur.".*

Il-Kummissjoni ddikjarat li sabiex jintlaħaq dan l-objettiv hija se "tivvaluta mill-ġdid, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-imsieħba soċjali, l-esklużjonijiet li jaffettwaw lis-setturi marittimi fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar ix-xogħol".

Il-Kummissjoni tenniet l-objettiv tagħha li jiżdied l-għadd u l-kwalità tal-impjiegi fis-settur marittimu fil-Komunikazzjoni tagħha "It-Tkabbir Blu"[10], li ġiet approvata mill-Ministri Ewropej responsabbli għall-Politika Marittima Integrata fid-Dikjarazzjoni ta' Limassol[11].

Din il-proposta hija konformi wkoll mal-Istrateġija 2020 tal-UE u mal-miri tagħha, primarjament fejn jidħol ix-xogħol. It-titjib fil-kwalità tax-xogħol u fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, u b'mod partikolari r-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti u l-istipular ta' qafas legali tal-UE iktar intelliġenti għall-impjiegi u għas-saħħa u s-sikurezza fuq ix-xogħol, ilkoll jikkostitwixxu azzjonijiet ewlenin fil-kuntest tal-"Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi:Kontribut Ewropew lejn livell massimu ta' impjiegi[12]".

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-ISTIMI TAL-IMPATT

### 2.1. Konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati

Din il-proposta kienet ippreċeduta minn għadd ta' konsultazzjonijiet, kemm speċifiċi u kemm ġenerali. Hi u tħejji din l-inizjattiva, il-Kummissjoni rrikorriet ukoll għal għarfien espert estern.

**Ġenerali**

Fil-kuntest tat-twaqqif ta' politika marittima integrata, il-kwistjoni tal-esklużjonijiet fil-liġi tax-xogħol ġiet indirizzata fil-Green Paper tal-2006[13]. Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2007[14], il-Kummissjoni waslet għal xi konklużjonijiet mill-konsultazzjoni varata permezz tal-Green Paper. Dwar il-kwistjoni tal-impjiegi fis-settur marittimu, stqarret li "hemm opinjonijiet differenti dwar jekk l-esklużjonijiet li jikkonċernaw is-setturi marittimi fil-leġiżlazzjoni soċjali tal-UE humiex iġġustifikati, u dwar liema minnhom huma ġġustifikati, iżda li hemm qbil dwar il-ħtieġa li jingħata kontribut għal livell ekwu globali fis-settur u dwar ir-rwol li l-leġiżlazzjoni tal-UE jista' jkollha f'dan il-kuntest".

**Speċifiċi**

[10] Ara l-Komunikazzjoni "Tkabbir Blu: opportunitajiet għal tkabbir sostenibbli fis-settur tal-baħar u dak marittimu" (COM/2012/494 finali tat-13 ta' Settembru 2012).

[11] Id-Dikjarazzjoni ta' Limassol, is-7 ta' Ottubru 2012.

[12] COM(2010) 682 finali tat-23 ta' Novembru 2010.

[13] Id-dokument COM(2006)275 finali tas-7 ta' Ġunju 2006.

[14] Id-dokument COM(2007)574 finali tal-10 ta' Ottubru 2007.

F'Ottubru 2007, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni[15] fejn nediet l-ewwel stadju ta' konsultazzjoni tal-imsieħba soċjali Ewropej kif previst fl-Artikolu 154 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). F'April tal-2009, din ġiet segwita mit-tnedija tat-tieni stadju ta' konsultazzjoni tal-imsieħba soċjali Ewropej.

Il-konsultazzjoni wriet li l-imsieħba soċjali fis-settur tat-trasport marittimu kellhom opinjonijiet differenti dwar il-ħtieġa li jitneħħew l-esklużjonijiet eżistenti. Filwaqt li l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) kienu favur li jitneħħew l-esklużjonijiet kollha, l-Assoċjazzjoni tas-Sidien tal-Vapuri tal-Komunità Ewropea (ECSA) qieset li r-raġunijiet għall-introduzzjoni tagħhom, li kienu marbutin mal-ispeċifiċitajiet tas-settur tat-trasport marittimu, kienu għadhom validi u li, għalhekk, l-esklużjonijiet kellhom jinżammu.

Min-naħa tagħhom, iż-żewġ naħat fis-settur tas-sajd kienu favur li jitneħħew xi wħud mill-esklużjonijiet eżistenti (Id-Direttiva dwar l-Insolvenza, id-Direttiva dwar is-Sensji Kollettivi, u d-Direttiva dwar l-Impriżi) jew l-istabbiliment ta' dispożizzjonijiet speċifiċi ekwivalenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni. Ma ħadux pożizzjoni dwar id-Direttiva dwar il-Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew.

Lill-Istati Membri kollha ntbagħtilhom kwestjonarju dettaljat. 20 Stat Membru bagħtu tweġiba[16]. L-informazzjoni li waslet hija mogħtija fid-dettall fl-Anness 3 tar-rapport tal-Istima tal-Impatt.

Fil-qosor, għandu jkun enfasizzat li l-Istati Membri li għażlu li japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttivi għall-baħħara jaqblu, b'mod unanimu, li l-applikazzjoni tagħhom ma tidhirx li tammonta għal spejjeż addizzjonali sinifikanti meta mqabbla mal-applikazzjoni tal-istess Direttivi fir-rigward tal-kumpaniji fuq l-art. L-ebda wieħed minn dawn l-Istati Membri, u l-aktar dawk l-Istati Membri b'settur marittimu importanti, ma huwa konxju ta' xi impatt negattiv, partikolarment fil-każ ta' bejgħ ta' bastiment. Għall-kuntrarju, l-esperjenza ta' xi nazzjonijiet marittimi li ma japplikawx l-esklużjonijiet kienet li raw żieda fil-flotta, filwaqt li l-flotot tal-Istati Membri li applikaw l-esklużjonijiet naqsu.

L-Istati Membri li użaw l-esklużjonijiet u d-derogi b'mod unanimu jargumentaw li dawn għandhom jinżammu u li l-applikazzjoni tad-Direttivi fis-settur marittimu kienet se ġġib magħha spejjeż addizzjonali sinifikanti. L-Istati Membri inkwistjoni ma jagħtu l-ebda indikazzjoni tal-kwantifikazzjoni tal-ispejjeż addizzjonali.

**Kompetenza esterna**

It-Task Force dwar l-impjiegi marittimi u l-kompetittività, stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest tal-politika marittima integrata, bagħtet ir-rapport tagħha f'Lulju tal-2011[17]. Dwar il-kwistjoni tal-esklużjoni tal-baħħara minn ċerti Direttivi dwar il-liġi tax-xogħol, it-Task Force qalet:

*"Minn meta ġew adottati d-dispożizzjonijiet seħħew żviluppi importanti, l-aktar fir-rigward tat-teknoloġija tal-komunikazzjonijiet, li issa jrendu r-rekwiżiti dwar l-*

[15] Id-dokument COM(2007)591 finali tal-10 ta' Ottubru 2007.
[16] AT, BG, CY, CZ, DE, DK, EE, EL, ES, FI, FR, LT, LV, MT, PL, PT, RO, SE, SI and UK.
[17] http://ec.europa.eu/transport/modes/maritime/seafarers/doc/2011-06-09-tfmec.pdf.

*informazzjoni u l-konsultazzjoni aktar prattiċi. L-eliminazzjoni tal-esklużjonijiet jew l-applikazzjoni tar-rekwiżiti adattati għaċ-ċirkostanzi speċjali ta' min jaħdem fuq il-baħar se jgħinu biex tinqered l-impressjoni li l-baħħara huma mħarsa inqas mil-liġi tal-Unjoni Ewropea dwar ix-xogħol minn ħaddiema oħra, impressjoni li tista' twassal għal nuqqas ta' interess fil-karrieri marittimi.*"

Il-Kummissjoni nediet sejħa għall-offerti għal studju li l-għan tiegħu hu li jsostni t-tħejjija għal stima tal-impatt b'rabta mal-possibbiltà li jiġu riveduti l-esklużjonijiet tal-ħaddiema ta' fuq il-baħar mill-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tax-xogħol tal-UE li jeżistu fil-preżent. L-istudju sar minn konsorzju mmexxi minn MRAG Limited. Ir-rapport finali[18] tressaq f'Diċembru tal-2010.

## 2.2. Stimi tal-impatt

Mid-diskussjonijiet u l-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati, ħarġu għal stima tal-impatt l-għażliet ta' politika li ġejjin:

**Is-soluzzjoni politika nru 1: ebda azzjoni mill-UE**

F'din is-soluzzjoni politika, l-UE ma tieħu ebda inizjattiva ġdida, la leġiżlattiva u lanqas mhux leġiżlattiva. Id-Direttivi attwali jibqgħu fis-seħħ kif inhuma.

Ix-xejriet juru li t-tnaqqis fin-numru ta' baħħara Ewropej x'aktarx ikompli, bl-impjiegi fuq il-bastimenti Ewropej imorru dejjem iktar għand ħaddiema minn pajjiżi terzi.

**Is-soluzzjoni politika nru 2: deroga bil-kundizzjoni li jiġi garantit livell ekwivalenti ta' protezzjoni**

Din is-soluzzjoni tkun tinvolvi s-sostituzzjoni tal-esklużjonijiet mingħajr ġustifikazzjoni b'dispożizzjoni li tippermetti lill-Istati Membri jiddevjaw mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għall-baħħara, u dan bil-kundizzjoni li jiġi żgurat livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak tad-Direttivi u l-eżerċizzju effettiv tagħha mill-impjegati kkonċernati.

Din is-soluzzjoni tagħmilha possibbli li l-qafas legali jiġi addattat għall-ispeċifiċitajiet tas-settur marittimu, primarjament għad-distanza fiżika tal-ħaddiema mill-kwartieri ġenerali tal-kumpanija għal perjodi twal ħafna, iżda xorta titlob lill-Istati Membri jiżguraw li l-protezzjoni tibqa' sostanzjalment ekwivalenti filwaqt li jibqgħu jirrispettaw il-modalitajiet ta' prattiċità li ġġib magħha din l-implimentazzjoni.

**Is-soluzzjoni politika nru 3: l-eliminazzjoni tal-esklużjonijiet fid-Direttivi kollha**

Din is-soluzzjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni li d-Direttivi kollha kienu oriġinalment intenzjonati li jinkludu s-setturi kollha ta' attività u li l-esklużjonijiet tal-baħħara mhumiex ġustifikat.

[18] RAG, Studju preparatorju għal stima tal-impatt dwar il-possibiltà li jiġu riveduti l-esklużjonijiet preżenti tal-ħaddiema ta' fuq il-baħar mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni soċjali tal-UE, Diċembru 2010).

**Is-soluzzjoni politika nru 4: ir-regoli jiġu addattati għall-ispeċifiċitajiet tas-settur**

Din is-soluzzjoni tkun tinvolvi l-adozzjoni ta' normi sostantivi bil-għan li t-testi legali jiġu addattati għall-karatteristiċi tas-settur marittimu. Pereżempju, fis-settur marittimu, ix-xiri u l-bejgħ tal-bastimenti huwa prassi komuni. F'dan is-suq ferm kompetittiv, l-adozzjoni ta' normi ma għandhiex twassal għal żvantaġġ kompetittiv għall-bejjiegħ ta' bastiment ibbażat fl-UE.

Skont id-Direttiva partikolari, jista' jkun hemm bżonn li jinħolqu arranġamenti speċjali dwar l-eliġibbiltà ta' rappreżentant tal-ħaddiema jew dwar l-applikazzjoni ta' regoli ġenerali għall-bejgħ ta' bastiment.

Il-klassifika tal-għażliet tal-politika saret b'mod awtonomu għal kull Direttiva, peress li l-aħjar approċċ kapaċi jvarja minn Direttiva għal oħra. Fil-fatt, is-soluzzjoni ppreferuta għal din l-inizjattiva tkun kumbinazzjoni tal-erba' għażliet ta' politika differenti, skont id-Direttiva individwali:

- Is-soluzzjoni politika nru 3 (l-eliminazzjoni tal-esklużjonijiet) għad-Direttiva dwar l-Insolvenza;
- Is-soluzzjoni politika nru 3 (l-eliminazzjoni tal-esklużjonijiet) għad-Direttiva dwar il-Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew;
- Is-soluzzjoni politika nru 2 (livell ekwivalenti ta' protezzjoni) għad-Direttiva dwar l-Informazzjoni u l-Konsultazzjoni);
- Is-soluzzjoni politika nru 4 (dispożizzjonijiet speċifiċi) għad-Direttiva dwar is-Sensji Kollettivi;
- Is-soluzzjoni politika nru 4 (dispożizzjonijiet speċifiċi) għad-Direttiva dwar it-Trasferimenti tal-Impriżi;
- Is-soluzzjoni ta' politika nru 1 (ebda azzjoni) għad-Direttiva dwar it-Trasferimenti tal-Ħaddiema.

F'dak li hu klassifikar tal-għażliet ta' politika, din il-proposta tikkonforma mal-konklużjonijiet tar-rapport tal-Istima tal-Impatt.

L-impatt ta' din l-inizjattiva fuq l-SMEs, speċjalment l-intrapriżi ż-żgħar u l-mikrointrapriżi, huwa mnaqqas minħabba li l-biċċa l-kbira tad-Direttivi diġà jeskludu l-intrapriżi ż-żgħar u l-mikrointrapriżi.

## 3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tintroduċi emendi għal ħames Direttivi li hemm fis-seħħ. B'mod partikolari, tirrikonoxxi d-dritt, bla ebda kundizzjoni, tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema fuq il-baħar fid-Direttivi kollha li qabel kienu jippermettu eċċezzjonijiet u derogi minn dan id-dritt (id-Direttiva dwar il-Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew, id-Direttiva dwar l-Informazzjoni u l-Konsultazzjoni, id-Direttiva dwar is-Sensji Kollettivi, id-Direttiva dwar it-Trasferiment tal-Impriżi).

Il-proċeduri għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema jikkontribwixxu biex tittejjeb il-governanza korporattiva u biex jonqsu l-konsegwenzi negattivi tar-ristrutturar mhux previst. Il-kumpaniji se jibbenefikaw minħabba li se jikkomunikaw aħjar l-informazzjoni marbuta mal-istrateġija tal-kumpanija u r-raġunijiet ta' ċerti deċiżjonijiet lill-impjegati, partikolarment fi żminijiet ta' bidla, u mhu se jkun hemm ebda spiża addizzjonali għal min iħaddem.

Il-proposta tirrikonoxxi wkoll drittijiet oħra, filwaqt li tqis l-ispeċifiċità tas-settur (l-eliminazzjoni f'ċerti każijiet speċifiċi tal-perjodi ta' "cooling-off" fid-Direttiva dwar is-Sensji Kollettivi jew tat-trasferiment tal-kuntratt/ir-relazzjoni tal-impjieg fid-Direttiva dwar it-Trasferiment tal-Impriżi).

Fid-dawl tat-tip ta' emendi, in-natura settorjali tagħha u l-prinċipju ta' ekonomija proċedurali, ikun aħjar jekk id-Direttivi jiġu emendati permezz ta' Direttiva waħda.

**Il-bażi legali**

Din il-proposta tintroduċi emendi għal ħames Direttivi eżistenti: id-Direttivii 2008/94/KE, 2009/38/KE, 2002/14/KE, 98/59/KE u 2001/23/KE. Tlieta minn dawn id-Direttivi ġew adottati bl-Artikolu 153 TFUE (l-ex Artikolu 137 KE) bħala bażi legali: 2009/38/KE, 2002/14/KE u 2008/94/KE. Il-bażijiet legali tad-Direttivi 98/59/KE u 2001/23/KE kienu rispettivament l-Artikoli 100 KE u 94 KE, jiġifieri, ekwivalenti għall-Artikolu 115 attwali tat-TFUE.

Minkejja l-bażijiet legali differenti tad-Direttivi li għandhom jiġu emendati, wara li tqies il-kontenut tagħhom, huwa ċar li dawn kollha jservu biex isostnu u jikkumplimentaw l-attivitajiet tal-Istati Membri fl-oqsma elenkati fl-Artikolu 153(1) tat-TFUE bil-għan li jintlaħqu l-objettivi tal-politika soċjali tal-Unjoni.

L-Artikolu 153(2) tat-TFUE huwa għalhekk il-bażi legali adegwata għal proposta waħda li temenda l-ħames Direttivi msemmija hawn fuq.

**Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità**

Dan l-eżerċizzju jittratta r-reviżjoni ta' ħames Direttivi. Għalhekk dan, fil-fatt, jista' jsir biss fuq il-livell tal-UE, permezz ta' Direttiva jew ta' serje ta' Direttivi li jemendaw l-atti eżistenti.

Din l-inizjattiva tkopri settur suġġett għal kompetizzjoni internazzjonali qawwija, bi proporzjon kbir ta' ħaddiema impjegati fuq bastimenti ta' Stat Membru wieħed filwaqt li huma jkunu minn Stati Membri oħra jew pajjiżi terzi. Għalhekk, l-għażliet ta' politika magħżula kienu kkunsidrati b'attenzjoni skont l-impatt fuq is-settur f'termini tal-kompetittività u l-ispejjeż.

Minħabba li din is-sitwazzjoni legali qed twassal biex ħaddiema fl-istess kategorija jingħataw trattament differenti minn Stati Membri differenti, u dan skont jekk japplikawx jew le l-eżenzjonijiet u d-derogi permessi mil-leġiżlazzjoni preżenti, inizjattiva tal-UE tkun tiżgura kundizzjonijiet aktar ekwi, tal-anqas fil-livell ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru.

Is-soluzzjoni proposta tipprova tevita li jiġu imposti spejjeż eċċessivi u hija bbażata fuq analiżi bir-reqqa tal-proporzjonalità.

**L-għażla tal-istrument**

L-istrument magħżul huwa Direttiva. L-ebda strument ieħor ma kien ikun xieraq. L-għan huwa li jiġu emendati ħames Direttivi li hemm fis-seħħ u dan jista' jsir biss permezz ta' Direttiva.

**Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet tal-proposta**

L-għażla tas-soluzzjoni politika implimentata bid-dispożizzjonijiet deskritti hawn taħt hija konformi mal-konklużjonijiet tal-istima tal-impatt[19] imwettqa mill-Kummissjoni rigward kull waħda mid-Direttivi (kif deskritti hawn fuq, fit-Taqsima 2.2).

---

[19] Rapport dwar l-Istima tal-Impatt: SEC […].

Artikolu 1

Dan l-Artikolu jipprevedi t-tħassir tal-punt(b) tal-Artikolu 1(3), tad-Direttiva 2008/94/KE. Dan se jelimina l-possibbiltà li jiġu esklużi s-sajjieda bi sħab mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Insolvenza.

Artikolu 2

L-Artikolu 2 jelimina l-Artikolu 1(7) tad-Direttiva 2009/38/KE. L-ekwipaġġi tal-flotot merkantili għalhekk se jkunu koperti mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew.

Artikolu 3

Dan l-Artikolu jemenda l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2002/14/KE biex jiċċara li l-Istati Membri jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ġenerali tad-Direttiva biss f'dawk il-każijiet fejn huwa żgurat li l-impjegati kkonċernati jingħatalhom livell ekwivalenti ta' protezzjoni u ta' eżerċizzju effettiv ta' din.

Artikolu 4

Dan l-Artikolu jintroduċi erba' emendi għad-Direttiva 98/59/KE.

L-ewwel emenda ddaħħal id-definizzjoni ta' "trasferiment", b'referenza għad-Direttiva 2001/23/KE.

It-tieni emenda tħassar l-Artikolu 1(2)(c), u b'hekk tqiegħed lill-ekwipaġġi ta' bastimenti tat-tbaħħir fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Sensji Kollettivi.

It-tielet emenda tiċċara li n-notifika prevista fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva għandha dejjem issir lill-awtorità kompetenti tal-Istat tal-bandiera. Din il-kjarifika hemm bżonnha minħabba l-potenzjal ta' koeżistenza ta' kuntratti tax-xogħol taħt liġijiet nazzjonali differenti.

Ir-raba' emenda ddaħħal dispożizzjoni ġdida li tgħid li l-Istati Membri jistgħu jagħtu d-dritt lill-awtorità kompetenti pubblika li tidderoga, parzjalment jew bis-sħiħ, mid-dispożizzjonijiet dwar il-perjodu ta' "cooling off" meta s-sensja kollettiva prevista ssir b'konsegwenza ta' trasferiment li jsir <u>esklużivament</u> fuq bastiment wieħed jew iżjed,jew meta min jimpjega jħaddem bastiment wieħed biss. Jekk l-Istati Membri jkunu jixtiequ jużaw din id-deroga, iridu jikkonsultaw mal-imsieħba soċjali meta jkunu qegħdin jittrasponu din id-dispożizzjoni fil-leġiżlazzjoni tagħhom. Din l-emenda tqis il-karatteristiki tas-settur marittimu. Kieku fis-suq tant kompetittiv tax-xiri u l-bejgħ tal-bastimenti kellu jiġi applikat il-perjodu ta' "cooling off", il-bejjiegħ mill-UE jitqiegħed fi żvantaġġ kompetittiv. Barra minn hekk, tipprevedi miżuri mitiganti għall-kumpaniji li jħaddmu bastiment wieħed biss.

Għandu jiġi enfasizzat li f'każ ta'bejgħ li jkun jikkonsisti esklużivament f'bastiment wieħed jew aktar, jew fil-każ ta' impjegatur li jħaddem bastiment wieħed, l-obbligu tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni stipulat fl-Artikolu 2 jibqa' japplika.

Id-Direttiva tibqa' tapplika b'mod sħiħ fiċ-ċirkostanzi l-oħra kollha fejn tkun prevista s-sensja kollettiva tal-membri tal-ekwipaġġ ta' bastiment.

Artikolu 5

L-Artikolu 1(3) attwali tad-Direttiva 2001/23/KE jitħassar. Id-Direttiva tapplika b'mod sħiħ fil-każ ta' bastimenti tat-tbaħħir irreġistrati fi Stat Membru u/jew li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru, ikunu fejn ikunu. Madankollu, b'kunsiderazzjoni tal-karatteristiki speċifiċi tas-settur marittimu, l-Istati Membri jistgħu, wara konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali, jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II tad-Direttiva fil-każ ta' trasferimenti li għandhom x'jaqsmu esklużivament ma' bastiment tat-tbaħħir wieħed jew ma' għadd ta' bastimenti, jew jekk l-impriża jew in-negozju li tkun/ikun qed tiġi/jiġi trasferit(a), tkun/ijun qed iħaddem/tħaddem bastiment wieħed biss. Konsegwentement, fil-każ ta' trasferimenti ta' bastimenti biss, jew fil-każ ta' impriża li tħaddem bastiment wieħed biss, għandhom mill-inqas japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni.

Il-bastimenti jkunu koperti għalkollox mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva meta dawn jikkostitwixxu waħda mill-assi li jkunu qegħdin jiġu trasferiti.

Artikolu 6

L-Artikolu 6 fih klawsola ta' non-rigressjoni. L-għan tagħha hu li tħares id-drittijiet tal-ħaddiema koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta kif rikonoxxut mill-Istati Membri qabel ma din tidħol fis-seħħ.

Artikolu 7

L-Artikolu 7 fih klawsola dwar l-assessar. L-għan tal-assessar huwa li jiġu mmonitorati l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva fl-Istati Membri, b'mod partikolari dwar żewġ kwistjonijiet: il-fenomenu ta' bidla tal-istat tal-bandiera u l-livell tal-impjieg tal-baħħara tal-UE.

Artikolu 8

Sabiex jitqiesu d-differenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward tan-natura tas-settur marittimu u l-punt safejn il-baħħara huma inklużi fil-kamp tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar ix-xogħol, l-Artikolu 8 jipprovdi għal perjodu ta' tranżizzjoni ta' 5 snin.

Artikoli 9 u 10

Dawn huma dispożizzjonijiet standard dwar id-dħul fis-seħħ u d-destinatarji tad-Direttiva.

## 4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

## 5. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

### TABELLA TA' KORRELAZZJONI

L-Istati Membri huma mitluba jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva, iżda mhumiex mitluba jipprovdu tabella ta' korrelazzjoni.

**Żona Ekonomika Ewropea**

L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għalhekk għandu jkun estiż għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

2013/0390 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar il-baħħara li temenda d-Direttivi 2008/94/KE, 2009/38/KE, 2002/14/KE, 98/59/KE u 2001/23/KE

(b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 153(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[20],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[21],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 153 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu, skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jadottaw, permezz ta' direttivi, rekwiżiti minimi għal implementazzjoni gradwali bil-ħsieb li jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-ħarsien tal-ħaddiema fil-każijiet fejn jintemmilhom il-kuntratt tax-xogħol, l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema u l-ambjent tax-xogħol hekk li titħares is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema. Tali direttivi jridu jevitaw li jimponu restrizzjonijiet amministrattivi finanzjarji u ġuridiċi li jistgħu jxekklu l-ħolqien u l-iżvilupp ta' impriżi żgħar u medji.

(2) Id-Direttiva 2008/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom[22], id-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi tal-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni tal-impjegati[23], id-Direttiva 2002/14/KE tal-

[20] ĠU C , , p. .
[21] ĠU C , , p. .
[22] ĠU L 283, 28.10.2008, p. 36.
[23] ĠU L 122, 16.5.2009, p. 28.

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea[24], id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi[25] u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE tat-12 ta' Marzu 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji[26], jew jeskludu lil min jaħdem fuq il-baħar mill-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jew jippermettu lill-Istati Membri li jeskluduhom.

(3) Meta l-eżistenza tal-esklużjonijiet u/jew il-possibilità li jiġu introdotti minn dawn, ma jkunux ġustifikati b'mod oġġettiv, dawn l-esklużjonijiet jeħtieġ jitneħħew.

(4) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, primarjament id-dritt għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni fl-impriża (l-Artikolu 27) u d-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti (l-Artikolu 31), kif jissemma' fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Din id-Direttiva trid tiġi implimentata b'konformità ma' dawn id-drittijiet u ma' dawn il-prinċipji. Madankollu, l-eżistenza tal-esklużjonijiet u/jew il-possibilità li jiġu introdotti minn dawn, lill-ħaddiema li jaħdmu fuq il-baħar tista' tipprevjenilhom jew tillimitalhom il-possibilità li jibbenefikaw mid-dritt tagħhom għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni, u mid-dritt għal kundizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, is-sikurezza u d-dinjità tal-ħaddiema, żewġ drittijiet minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(5) Fil-preżent, is-sitwazzjoni legali qed twassal biex ħaddiema fl-istess kategorija jingħataw trattament differenti minn Stati Membri differenti, u dan skont jekk japplikawx jew le l-eżenzjonijiet u d-derogi permessi minn din il-leġiżlazzjoni. Għadd importanti ta' Stati Membri għamlu użu limitat mill-esklużjonijiet.

(6) Fl-10 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni ppreżentat il-viżjoni tagħha għal Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea, il-"Blue Book"[27]. Din il-viżjoni tirrikonoxxi li l-kwistjonijiet kollha relatati mal-oċeani u l-ibħra Ewropej huma marbuta ma' xulxin, u li l-politiki relatati mal-baħar iridu jiġu żviluppati b'mod koerenti jekk iridu jinkisbu r-riżultati mixtieqa.

(7) Il-Blue Book[28] jenfasizza l-ħtieġa li jiżdied l-għadd tal-impjiegi marittimi kif ukoll il-kwalità ta' dawn l-impjiegi għaċ-ċittadini Ewropej, u anki l-importanza li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol abbord.

(8) Skont l-Artikolu 154(2) TFUE, il-Kummissjoni kkonsultat l-imsieħba soċjali fil-livell Ewropew dwar x'direzzjoni tista' tieħu l-azzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam.

(9) Wara li tqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi li kien hemm dawn l-aħħar snin, l-aktar fit-teknoloġija tal-komunikazzjonijiet, ir-rekwiżiti dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni għandhom jiġu aġġornati.

24 ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29.
25 ĠU L 225, 12.8.1998, p. 16.
26 ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16.
27 COM(2007) 575 finali tal-10 ta' Ottubru 2007.
28 COM(2007) 575 finali tal-10 ta' Ottubru 2007.

(10) Id-drittijiet tal-baħħara koperti minn din id-Direttiva, rikonoxxuti mill-Istati Membri fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-Direttivi 2008/94/KE, 2009/38/KE, 2002/14/KE, 98/59/KE u/jew 2001/23/KE għandhom jiġu rispettati.

(11) Din id-Direttiva tikkontribwixxi biex jinkisbu l-objettivi mniżżla fl-Artikolu 151 tat-TFUE.

(12) Għaldaqstant huwa f'loku li jiġu emendati d-Direttivi dwar il-liġi tax-xogħol li jeskludu l-baħħara mill-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jew li jippermettu derogi li mhumiex ġustifikati b'mod oġġettiv.

(13) Ġaladarba l-objettiv ta' din id-Direttiva ma jistax jintlaħaq għalkollox mill-Istati Membri u jista', minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dan l-objettiv.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*
**Emenda lid-Direttiva 2008/94/KE**

L-Artikolu 1(3) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

'3. Fejn tali dispożizzjoni diġà tapplika fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri jistgħu ikomplu jeskludu s-servi domestiċi impjegati minn persuna naturali mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva."

*Artikolu 2*
**Emenda lid-Direttiva 2009/38/KE**

Id-Direttiva 2009/38/KE tiġi emendata kif ġej:

Fl-Artikolu 1, għandu jitħassar il-paragrafu 7.

*Artikolu 3*
**Emendi lid-Direttiva 2002/14/KE**

Id-Direttiva 2002/14/KE tiġi emendata kif ġej:

L-Artikolu 3(3) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

'3. L-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn din id-Direttiva permezz ta' dispożizzjonijiet partikolari applikabbli għall-ekwipaġġi ta' vapuri li jbaħħru f'ibħra internazzjonali, u dan bil-kundizzjoni li dawn id-dispożizzjonijiet partikolari jiggarantixxu livell ekwivalenti ta' protezzjoni tad-dritt tal-informazzjoni u l-konsultazzjoni u tal-eżerċizzju effettiv ta' tali dritt min-naħa tal-impjegati kkonċernati."

*Artikolu 4*
**Emendi lid-Direttiva 98/59/KE**

Id-Direttiva 98/59/KE tiġi emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt (c) li ġej:

"(c) "trasferiment" huwa interpretat fis-sens tad-Direttiva 2001/23/KE."

(b) Fl-Artikolu 1(2), il-punt (c) jitħassar.

(2) Fl-Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu jiddaħħal mill-ġdid:

"Meta s-sensji kollettivi previsti jkunu jikkonċernaw lil membri tal-ekwipaġġ ta' bastiment tat-tbaħħir, in-notifika ssir lill-awtorità kompetenti tal-Istat tal-bandiera li jtajjar il-bastiment."

(3) F'Artikolu 4, jidħol il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Meta s-sensji kollettivi previsti ta' membri tal-ekwipaġġ isiru b'rabta ma' trasferiment ta' bastiment tat-tbaħħir jew jirriżultaw minn tali trasferiment, l-Istati Membri jistgħu, wara li jikkonsultaw mal-imsieħba soċjali, jagħtu d-dritt lill-awtorità pubblika kompetenti li tidderoga, jew bis-sħiħ, jew parzjalment, mill-perjodu stipulat fil-paragrafu 1 fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) l-oġġett tat-trasferiment ikun jikkonsisti esklużivament f'bastiment tat-tbaħħir wieħed jew aktar

(b) dak li jimpjega jħaddem bastiment wieħed biss."

*Artikolu 5*
**Emendi lid-Direttiva 2001/23/KE**

Id-Direttiva 2001/23/KE hija emendata kif ġej:

L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

'2. Din id-Direttiva tapplika, mingħajr ħsara għall-paragrafu 3, meta u kemm-il darba l-impriża, in-negozju jew il-parti mill-impriża jew min-negozju li jkunu se jiġu trasferiti jkunu fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattat."

(2) Il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

'3. Din id-Direttiva tapplika fil-każ ta' trasferiment ta' bastiment tat-tbaħħir irreġistrat fi Stat Membru u/jew itajjar bandiera ta' Stat Membru u li jikkostitwixxi impriża, negozju jew parti minn impriża jew negozju għall-finijiet ta' din id-Direttiva, anke meta ma jkunx fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tat-Trattat."

(3) Għandu jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

‘4. Wara li jikkonsultaw mal-imsieħba soċjali, l-Istati Membri jistgħu jistipulaw li l-Kapitolu II ta’ din id-Direttiva ma japplikax fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) l-oġġett tat-trasferiment ikun jikkonsisti esklużivament f’bastiment tat-tbaħħir wieħed jew iktar.”

(b) l-impriża jew in-negozju li se tiġi/jiġi ttrasferit(a) tħaddem bastiment wieħed biss."

*Artikolu 6*

L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva taħt l-ebda ċirkustanza ma tikkostitwixxi raġuni għal tnaqqis fil-livell ġenerali ta' protezzjoni tal-persuni koperti minn din id-Direttiva kif jiggarantixxuh l-Istati Membri fl-oqsma koperti bid-Direttivi 2008/94/KE, 2009/38/KE, 2002/14/KE, 98/59/KE u/jew 2001/23/KE.

*Artikolu 7*

F'livell tal-Unjoni, u b'konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-imsieħba soċjali, il-Kummissjoni għandha tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Artikoli 4 u 5 ta' din id-Direttiva,mhux aktar tard minn sentejn (2) mid-data prevista fl-Artikolu 8.

*Artikolu 8*

1. L-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma’ din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn 5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta’ dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

   Meta jiġu adottati mill-Istati Membri, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma’ din id-Direttiva jkollhom referenza għal din id-Direttiva, inkella jkunu akkumpanjati b’tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-kamp ta’ applikazzjoni kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 9*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ l-għada li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 10*

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*